**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 528/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**vs**
**Patrick Mangion**
**Carmen Spiteri**

**Illum 21 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Patrick Mangion ta' 44 sena, bin Anthony u Giovanna nee Camilleri mwieled Hal Qormi fit-30 ta' Jannar 1973, u joqghod Block 1 Flat 7, Triq id-Deheb Fin, Hal Qormi detentur tal-karta tal-identita' numru 68773M.
u
Carmen Spiteri ta' 40 sena bint Carmel u Maria nee Buttigieg mwielda ġewwa l-Pieta' nhar it-2 ta' marzu 1977 u residenti ġewwa ENT C Flat 11, Triq l-Ghajn, Valletta, detentriċi tal-karta tal-identita 217577M

Akkuzati talli

1. Nhar is-26 ta' Settembru 2017 xi hin bejn l-13:00 u t-15:00 minn ġewwa l-fond 29, Silvio House, Naxxar, ikommettew serq ta' diversi ġojjellerija u oġġetti oħra ta' valur għad-dannu ta' Albert Sammut u/jew persuni oħra liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-mezz u bil-lok.

2. Talli saru recidivisti permezz ta' sentenzi mgħotija lilhom mill-Qrati tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Patrick Mangion waħdu

3. Fl-istess data hin u ċirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara u jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' bieb ta' barra liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (250);

4. Talli nhar it-30 ta' Marzu 2017 f'xi hin bejn is-14:00 u 17:00 gewwa stabbiliment 'Pit Stop' gewwa H'Attard ikkommetta serq ta' tlett mitt ewro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Frandringe Schembri u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur;

5. Talli nhar il-5 ta' Novembru 2017 f'xi hin bejn is-08:30 u d-09:30 gewwa triq Manwel Vitale, Rabat minn gewwa vettura tal-ghamla Hyundai ikkommetta serq ta' mazz ċwievet ghad-dannu ta' Pietru Pace u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorti tal-haga misruqa;

6. Ukoll talli nhar fil-5 ta' Novembru 2017 f'xi hin bejn is-08:30 u d-10:30 gewwa l-fond numru 30, Albatross, Triq Patri Nikol Magri OFM, Qrendi ikkommettew serq ta' diversi gollerija u oġġetti ohra ta' valur ghad-dannu ta' Pietru Pace u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz u bil-lok;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' Patrick Mangion dwar sentenza ta' Prigunerija sospiża u dan fuq sentenza ta' Magistrat Dr Neville Camilleri LL.D. li kienet mghotija nhar il-5 ta' Mejju 2015.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 25 ta' Novembru 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', zewg fedina penali tal-imputati, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputati, zewg mandati t'arrest, zewg kundizzjonijiet tal-police bail, erba' police reports u zewg stqarrijiet fuq CD's, Hoodie mmarkata dok SB1, beret immarkata bhala dok SB2, Hoodie tad-ditta 'Nike' immarkata bhala dok SB3, T-Shirt iswed immarkat bhala dok SB4, snap shots immarkati bhala dok KR1, sett ta' ritratti dok SB5 u dok SB6, dok SB 7, dok SB8, dok SB9, dok SB 10, dok SB 11, dok SB12, dok PP1, dok SBA u dok SBB, dok NC1, dok JPP1 u dok JPP2 kif ukoll dok JPP3 u JPP4, dok CC1, dok MM1, dok KA1, dok CZ1, doc CM1, dok DM1 u dok DM2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil PC 638 Mark Bonello, PS 1402 Keith Rizzo, l-ispettur Saviour Baldacchino, Franridge Schembri, Albert Sammut, Clinton Sammut, Rosina Sammut, Pietru Pace, Mary Pace, Nadia Ciappara, Jean Paul Pizzuto, Dr. Joseph Spiteri, l-ispettur Roderick Spiteri, Stephen Cachia, PC 164 Mark Abdilla, PS 163 Robert Azzopardi, PS 1021 Christian Cauchi, PC 924 Peter Mifsud, PS 902 Karol Spiteri, WPS 161 Tanya Camilleri, Dr Marisa Mifsud, PC 1491 Kurt Attard, Christienne Borg, Charmaine Zammit, PC 2363 Caroline Meilaq, David Mellors, Janette Gauci.

**Ikkunsidrat**

**PC 638 Mark Bonello** qal li fil-21 ta' Novembru 2017 kien muri diversi ritratti dwar każijiet li huma kienu qeghdin jinvestigaw dwar serq li kienu sehhew. Illi mir-ritratti li ġew murija huwa għaraf lill-imputati u cioè lil Patrick Mangion kif ukoll lil Carmen Spiteri. Huwa kien inghata struzzjonijiet sabiex imur ġewwa l-belt Valletta sabiex

jagħmel tfittxija fir-residenza tal-imputata Carmen Spiteri. Minn ġewwa din ir-residenza gew elevati diversi ħwejjeg liema oġġetti ġew esebieti u konfermati fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Dawn l-oggetti u cioe' l-ħwejjeg kienu simili ghal ħwejjeg li deheru bihom l-imputat Patrick Mangion fil-filmati.

**Spettur Saviour Baldacchino** huwa spjega li kien involut f'diversi investigazzjonijiet in konnessjoni ma' serq minn ġewwa diversi postijiet li sehhew mis-26 ta' Settembru 2017. F'wahda minn dawn is-serqiet sehhet mir-residenza tal-familja Sammut u mill-vicinanzi gew elevati filmati sabiex jghinuhom fl-investigazzjoni taghhom. Mill-investigazzjoni ħareġ li vettura partikolari tal-għamla Toyota Vitz li kellha numru ta' reġistrazzjoni HBR107 għaddiet diversi drabi mit-triq fejn sehhet is-serqa. Din il-vettura kienet reġistrata fuq l-imputata Carmen Spiteri. Mill-filmati deheru żewġ persuni suspettati li skont huma kienu jidhru li huma l-istess imputati. Fl-istess filmati dehret persuna oħra li kienet għada mhux magħrufa. Illi mill-istess filmat jidher li din il-persuna li skont l-istess uffiċjal prosekutur kien l-imputat Patrick Mangion daħal f'din ir-residenza tal-familja Sammut u ħareġ wara li kellu borża bajda f'idu u jaqbad l-istess triq lura. Minn investigazzjoni oħra ħareġ li persuna daħlet ġewwa pompa tal-petrol u serqet cash register li kellha madwar 300 euro fiha. Mill-filmati dehret persuna tipparkja l-vettura tagħha u tidhol tisraq mill-cash register. Mill-filmat jidher li kien l-istess imputat Patrick Mangion li kien involut f'din is-serqa. L-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBR107 dehret ukoll f'dan il-filmat. Minn serqa oħra din id-darba għad-detriment tal-familja Pace fejn minn hemm insterqu diversi flus u ġojjelli. Kienu insterqu wkoll ċwievet li minn ġewwa vettura tal-istess sid ittieħdu xi dokumenti u minn filmati li ġew elevati ħareġ li l-persuna li kienet allegatament involut kien l-istess imputat Patrick Mangion. Il-pulizija talbet għal mandat t'arrest fil-konfront tal-imputati u ġie elevat ukoll il-mobile tal-imputata Carmen Spiteri.

**Franridge Schembri** kien għamel rapport minħabba serqa li sehhet minn ġewwa propjetà tieghu li tinstab ġewwa l-Pit Stop H'Attard. Illi hareg li meta l-lavrant tiegħu kien qiegħed jagħlaq sab li mill-cash register flus neqsin. Mill-filmati ħareġ li kien

hemm persuna suspettuża li dahlet ġewwa, fethet il-cash register u hadet il-flus minn ġewwa fih. Huwa ma kienx għaraf lill-imputati bħala wieħed mill-persuna li serqet il-cash.

**Albert Sammut** qal li kien ghamel rapport minhabba li xi persuna dahlet fir-residenza li tinsab fin-Naxxar u spiċċa misruq fil-waqt li huwa kien qieghed jattendi funeral t'ommu. Kienu insterqu diversi gojjeli u flus minn ġewwa din ir-residenza

**Clinton Sammut** qal li kien mar flimkien mal-familja tiegħu ghal funeral tan-nanna tiegħu u x'hin ġew lura sabu li xi hadd kien daħal ġewwa r-residenza tagħhom fin-Naxxar u seraq xi affarijiet. Huwa kkonferma li ma kienux ħadu oġġetti li jappartjenu lilhu iżda kien ta informazzjoni lill-pulizija dwar fejn kien hemm CCTV halli jgħinhom fl-investigazzjoni.

**Rosina Sammut** qalet li waqt li kienet qegħda għal funeral tal-kunjata tagħha u ġew lura fir-residenza tagħha ġewwa n-Naxxar innotaw li xi hadd kien daħal u spiċċaw vittmi ta' serq. Minn ġewwa r-residenza insterqu d-deheb kollu li kellhom. Illi f'dan il-każ ma tistax tgħid kemm kien il-valur tal-oġġetti misruqa. In kontro-eżami qalet li hija għarfet lill-imputata minn wara meta kienet rat il-filmati.

**Pietru Pace** qal li xi hadd kien fetahlu l-vettura tiegħu li hija tal-għamla Hyundai Stellar li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni CAR 35. Minn ġewwa din il-vettura insterqu notebook u ċwievet tad-dar. Illi minħabba f'hekk kienu intużaw sabiex jintużaw halli jidħlu fir-residenza tiegħu ġewwa l-Qrendi. Meta mar id-dar sab li xi hadd kien daħal iżda l-bieb ta' barra kien magħluq u jaħseb li daħlu biċ-ċavetta li kienet insterqet minn ġewwa l-vettura. Huwa esebixxa lista ta' oġġetti tad-deheb li kienu insterqulu u anki ġab l-ammont tal-valur tagħhom. In kontro-eżami qal li huwa kien assuma li min daħal uża c-ċwievet tiegħu li kienu insterqu mill-vettura tiegħu.

**Mary Pace** qalet li kienu ħarġu kmieni filgħodu u marru sal monti ġewwa r-Rabat u wara marru lejn il-karozza u r-raġel tagħha sab li xi hadd kien seraq xi affarijiet minn ġewwa fiha inkluż c-ċwievet tad-dar u l-logbokk tal-vettura. Xi hin wara marru lejn id-dar u kif fethet sabu li kien hemm d-dawl mixgħul u kullimkien imqalleb fejn

insterqu xi flus u ġojjelli. Hija tat deskrizzjoni tal-oġġetti li kienu insterqu dakinhar. Min ha l-oġġetti tpoġġew ġewwa investa li ttiehdet minn ġewwa r-residenza tagħha.

**Nadia Ciappara** esebiet proċess verbal 808/2017 dwar serqa minn ġewwa residenza fin-Naxxar li sehhet fis-26 ta' Settembru 2017 u ġie immarkata bhala dok NC1.

**PC 1007 Jean Paul Pizzuto** fejn esebixxa filmat u ritratti ta' CCTV. Huwa ma kellu x'jaqsam xejn fuq il-kaz u lanqas fuq il-filmat.

**Dr Joseph Spiteri** fejn ikkonferma li ilu jikkura lill-imputat Patrick Spiteri ghal diversi snin fejn ibati minn problema ta' ADHD u użu ta' droga.

**L-ispettur Roderick Spiteri** kien involut fl-investigazzjoni tas-serqa li sehhet ġewwa l-Pit Stop ġewwa H'Attard. Illi mill-invetsigazjzoni irriżulta li vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBR 107 li tgħajjat lill-Carmen Spiteri li hija imputata, li persuna ta' sess maskili uza din il-vettura. Illi din l-istess persuna kienet serqet flus minn ġewwa l-cash register li jinsab ġewwa dan il-post u cioe' l-Pit Stop. Is-suspett waqa' fuq il-partner taghha u cioè Patrick Mangion. Rapport ieħor kien fuq serqa li sehhet fis-26 ta' Settembru 2017 minn residenza li tinsab ġewwa n-Naxxar ghad-detriment tal-familja Sammut. Minn ġewwa din ir-residenza kienu insterqu diversi ġojjelli u minn filmati tas-CCTV ħareġ li kien hemm żewġ persuni ta' sess maskili u kien hemm deskrizzjoni cara ta' x'kienu lebsin iżda wiċċhom ma kienx jidher.

**PC 164 Mark Abdilla** ikkonferma li kienu hadu rapport rigward serqa li kienet sehhet ġewwa l-Qrendi liema rapport jinsab a fol 46 tal-proċess.

**PS 163 Robert Azzopardi** ikkonferma rapport li huwa kien involut fih li jinsab a fol 43 tal-proċess liema rapport kien dwar serqa minn ġewwa vettura fir-Rabat. Huwa ikkonferma wkoll ritratti li jinsabu a fol 95 tal-proċess u cioè dok SB9.

**Stephen Cachia** ikkonferma li l-vettura HBR 107 hija reġistrata fuq Carmen Spiteri li hija tal-għamla Toyota Vitz. Huwa kkonferma wkoll li l-vettura CAR 035 tal-għamla Hyundai Stellar ta' kulur aħmar hija reġistrata fuq Peter Pace.

**PS 1021 Christian Cauchi** ikkonferma li huwa kien rċieva rapport dwar serqa li sehhet ġewwa n-Naxxar għad-detriment tal-familja Sammut fejn minn ġewwa din ir-residenza kienu insterqu diversi ġojjelli. Huwa esebixxa rapport u ġie immarkat bħala dok CC1.

**PC 924 Peter Mifsud** kien gie infurmat rigward serqa li sehhet ġewwa residenza li tinsa fi triq l-Imdina ġewwa n-Naxxar għad-detriment tal-familja Sammut.

**PS 902 Karol Spiteri** kien gie infurmat minn WPC 161 Tanya Camilleri li kienet sehhet serqa minn ġewwa pompa tal-petrol bl-isem Pit Stop li tinsab ġewwa H'Attard.

**WPS 161 Tanya Camilleri** ġiet infurmata li kien sehhet serqa ta' flus minn ġewwa pompa tal-petrol bl-isem Pit Stop ġewwa H'Attard. Kien hemm vettura misjuqa minn persuna suspettata li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni HBR 207 tal-għamla Toyota Vitz. Hija ikkonfermat ir-rapport li jinsab a fol 40 tal-proċess.

**Dr Marisa Mifsud** irritornat lura DVD's u t-transcripts li saru.

**PS 1402 Keith Rizzo** ikkonferma li huwa kien involut f'investigazzjoni dwar serqa li sehhet ġewwa n-Naxxar gahd-detriment tal-familja Sammut. Huwa kien osserva li kien hemm CCTV fejn bl-għajnuna ta' esperti tal-Qorti elevaw filmati fejn gie osservat li kien hemm vettura tal-ghamla Toyota Vitz HBR 107 li ghaddiet diversi drabi minn ġewwa din it-triq. Irrizulta li din il-vettura hija ta Carmen Spiteri. Huwa kkonferma li mill-filmati jidhru zewg persuni li huwa gharaf li kienu z-zewg imputati. Fil-fatt kien hemm terza persuna li sa issa ma kenitx maghrufa. Huwa kkonferma li fil-filmat a fol 72 u 73 fil-hin indikat 14:44 jidher hiereg l-imputat li ghandu borża f'idejh tal-plastic bajda waqt li hiereg mir-residenza.

**PC 1491 Kurt Attard** li esebixxa rapport li gie immarkat bhala dok KA1 li huwa sett ta' ritratt dwar serqa li sehhet minn ġewwa n-Naxxar.

**L-ispettur Saviour Baldacchino** esebixxa zewg sentenzi dok PM1 u dok PM2 li jinsabu a fol 389.

**Christianne Borg** ikkonfermat li fil-konfront tal-imputati ma kienx hemm appelli pendenti.

**Charmaine Zammit** ikkonfermat li kienet intalbet informazzjoni fuq zewg numri ta' mobile u lil min jappartjenu. Hareg li dawn iz-zewg numri ma kienux reġistrati. Hija esebiet CD u gie immarkat bhal dok CZ1.

**PC 2363 Carole Meilak** kienet għamlet xi eżamijiet forensiċi għal sejba ta' impronti diġitali ġewwa residenza li tinsab fin-Naxxar fejn sehhet serqa u giet irrapportata nhar is-26 ta' Settembru 2017.

**Marie Claire Camilleri** qalet li hija qeghda issegwi lill-imputat Patrick Mangion minn ġewwa l-habs fejn huwa wera x-xewqa li jaghmel programm. Illi jekk jinghata l-liberta proviżorja jkun jista jattendi programm.

**L-ispettur Saviour Baldacchino** rega' xehed din id-darba in kontro-ezami fejn qal li huwa kien semma l-imputata Carmen Spiteri mhux ghax kellha l-vettura reġistrata fuq isimha imma ghax dehret mill-filmati tas-CCTV kif ukoll l-imputat l-iehor u dan fuq suspett li huma z-zewg imputati u ghalhekk ma jistax jghid li kienu huma. Fuq is-serqa tan-Naxxar irriżulta li l-vettura li kienet fuq il-post kienet tghajjat lill-imputata Carmen Spiteri. Illi kompla jghid li mill-filmat ma kienx jidher car li persuna dahlet fir-residenza u jiftah il-bieb. Illi mill-filmat persuna minnhom ma dehritx u skont hu bilfors dahlet ġewwa. Huwa kompla jghid li l-bieb ta' barra ma jidhirx. Illi rigward is-serqa mill-Pit Stop, huwa kkonferma li l-imputat Patrick Mangion ma jistax jghid li kien ha l-flus mill-cash register. Illi rigward is-serqa tac-cwievet minn ġewwa l-vettura, il-persuna li dehret ma jistax jghid b'certezza li kienet l-istess Patrick Mangion. Illi rigward il-localization tal-mobile ma jistax jghid b'certezza li fil-postijiet indikati l-imputata Carmen Spiteri kienet fuq il-post.

**David Mellors** esebixxa diversi dokumenti tal-imputat Patrick Mangion rigward Testjar ghal droga fejn dawn irriżultaw fin-negattiv.

**Janette Gauci** fejn qalet li hija tahdem bhala psikologista ġewwa CCF fejn ikkonfermat li huwa ghamel progress fl-affarijiet ta' hajtu. Illi minhabba l-arrest tieghu hemm limitazzjoni ta' x'jista jaghmel minn ġewwa l-habs. Hija kompliet tghid li l-imputat Patrick Mangion kien qieghed juri tibdiel bil-mod kif kien qieghed jirrispondi ghall-affarijiet.

**PS 1402 Keith Rizzo** xehed in kontro-ezami fejn ikkonferma li l-vettura kien uza s-sistema li ghandhom sabiex jaraw lil min tghajjat. Illi skont hu l-istills juru bic-car li kien gharaf lill-imputata Carmen Spiteri. Huwa kompla jghid li l-persuna ta' Patrick Mangion kien gharfu mill-filmati. Huwa zied jghid li meta kien semma li ra lil Carmen Spiteri u lil Patrick Mangion marru hdejn il-bieb u ftit wara din Carmen Spiteri telqet minn fuq il-post, hemm mar persuna ohra li ma ġietx qatt maghrufa min kienet. Meta giet moqrija parti mix-xhieda tieghu rigward li kien ra lill-imputat Patrick Mangion johrog b'borza tal-plastik minn din ir-residenza fejn huwa rega ikkonferma li kien l-istess Patrick Mangion li dahal u hareg minn din ir-residenza. Huwa qal li z-zewg numri tal-mobiles kienu reġistrati mal-imputati.

**Dr Kevin Sammut** xehed u qal li huwa psikologu u ilu jaf lil Patrick Mangion ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena u ra li Patrick Mangion għamel kambjament kbir.

**Spettur Roderick Spiteri** fejn ġiet moqrija ix-xhieda tiegħu fejn minnha ikkonferma li huwa ma setax jikkonferma eżatt min kienu dawn il-persuni għax hu kien rahom mill-profil.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u wiehed u għoxrin (2021) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taht dak li hemm maħsub:

Fil-konfront ta' Patrick Mangion

(i) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iii) Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(iv) Fl-artikolu 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(v) Fl-artikoli 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g) u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(vi) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 265, 267, 269(g), 278(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(vii) Fl-artikoli 28B, 28V u 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(viii) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fil-konfront ta' Carmen Spiteri

(i) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iii) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fil-verbal tad-29 ta' Marzu 2022, il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputati wiegbu li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jinstema' bi proċedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati qeghdin jigu akkużati b'diversi imputazzjonijiet fosthom b'serq aggravat u li huma wkoll reċidivi. Minn dak li ħareġ mill-fatti tal-każ, gara li kien hemm tlett serqiet partikolari kif ukoll serqa minn ġewwa vettura li sehhew u l-imputati qeghdin jiġu akkużati. Illi għalhekk mill-fatti u x-xhieda li għandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputati kienux il-persuni involuti f'din is-serqa. Illi tajjeb li ssir analiżi ta xi ġurisprudenza f'pajjiżna li daħlu fl-analiżi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-

Qorti li tkun qed tiġġudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci.

Illi l-Qorti nnutat ukoll illi dan il-filmat hija l-unika prova li biha l-Prosekuzzjoni tista' tipprova l-konnessjoni mal-imputati u s-serqa li saret f'din ir-residenza. Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali u fuq il-grad tal-prova f'numru ta' decizjonijiet. Fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Kif gie deciz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija v James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti,*

*allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Practice (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

**L-ewwel Serqa minn ġewwa n-Naxxar**

Illi fl-ewwel kaz li huma qeghdin jiġu mixlija hija rigward serqa li sehhet minn ġewwa residenza fin-Naxxar. Illi f'dan il-każ, il-vittmi sofrew serq ta' diversi oġġetti ta' valur u mill-investigazzjoni tal-Pulizija waslu biex jiġu arrestati l-istess imputati. Illi f'dan il-każ, il-prova li hemm fil-konfront tal-imputati huma filmati mehuda minn sistema ta' CCTV fejn dehret vettura suspettuża. Illi skont l-informazzjoni mgħotija minn Stephen Cachia li huwa impjegat ma' Transport Malta din hija reġistrata fuq l-imputata Carmen Spiteri. Illi wkoll hemm persuna li skont ma ntqal mill-Pulizija, li l-persuna li tidher fil-filmat hija l-istess u cioè Patrick Mangion.

Illi hemm il-fatt li surġent tal-Pulizija gharaf lill-imputati mill-filmati fejn sehhet is-serqa gewwa n-Naxxar. Illi ma kienx hemm provi ohrajn bhal impronti diġitali li setghu isahhu dak li qieghed jinghad dwar min dahal fir-residenza. Illi wkoll hemm ċirkostanza ohra li mill-filmati tidher il-vettura li tappartjeni lill-istess imputata tghaddi diversi drabi minn dawk l-akwati u zgur ma kenitx it-triq taghha sabiex tmur

fir-residenza taghha. Illi dawn il-fatti il-Qorti tara li huma provi ghalkemm cirkostanzjali jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija.

Illi bla dubju ta' xejn is-surġent Keith Rizzo kien ċar ħafna fejn qal li huwa kien għaraf lill-imputat Patrick Mangion f'dan il-filmat kif ukoll li Carmen Spiteri iħufu fil-madwar kif ukoll anki għaraf lill-Patrick Mangion dieħel f'din ir-residenza u ħiereġ minn ġewwa fiha fejn kellu oġġett f'idu. Illi fil-fatt mix-xhieda mgħotija mis-surġent tal-Pulizija Keith Rizzo b'mod ċar qal li huwa għaraf lill-imputat Patrick Mangion fejn qal a fol 287

> *"...li wieħed qeghdin ngħidu li huwa Patrick Mangion li qiegħed ngħaraf hawnhekk fl-awla ukoll u lil Carmen Spiteri, qiegħed nghid hekk għax one il-filmati tajbin u two jingħarfu mill-filmati...fit-timeline."*

Illi f'dan il-każ ebda xhud ma tela' u qal li kien ra lill-imputati jidħlu ġewwa din ir-residenza tal-familja Sammut. Illi l-unika prova li b'xi mod tista' twassal lill-imputati li kienu involuti fil-każ huma l-filmati tas-sistema ta' CCTV li ġew elevati mill-Pulizija. Illi l-istess vettura għaddiet kemm-il darba f'din it-triq fejn sehhet is-serqa. Illi mhux talli hekk, illi skont ma qal l-istess surġent Keith Rizzo, li huwa kellu diversi okkażjonijiet oħra fejn kien investiga lil Patrick Mangion u għalhekk kien għarfu minħabba dan il-fatt ukoll. Għaldaqstant fid-dawl tal-provi skjaċċanti li ġew preżentati l-Qorti ma għandha l-ebda diffikultà tiddetermina li l-ewwel imputazzjoni fil-konfront taż-żewġ imputati.

Illi din is-serqa u cioè li sehhet mir-residenza ġewwa n-Naxxar għad-detriment tal-familja Sammut, hija aggravata bis-segwenti u cioè bil-valur, bil-lok u bil-mezz. Illi bla dubju ta' xejn minn dak li ġie deskritt din hija residenza tal-familja Sammut u anki minn dak li ħareġ kien hemm użu ta' forza attiva fuq is-serratura tal-bieb u għalhekk l-aggravju tal-mezz ġie pruvat ukoll. Illi rigward il-valur, għalkemm hemm oġġetti prezzjużi, din il-Qorti tista' tasal għal konklużjoni li l-valur kien ferm jaqbeż dak stabbiliet mill-artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għalhekk l-aggravju tal-valur ukoll ġie ippruvat.

Illi rigward il-hsara volontarja din il-Qorti mhux sejra ssib htija u dan ghal fatt li tali hsara hija l-mezz ai fini sabiex titwettaq is-serqa fejn l-imputati instabu hatja.

**It-Tieni Serqa minn pompa tal-petrol ġewwa H'Attard**

Illi rigward serqa oħra li sehhet ġewwa pompa tal-petrol ġewwa H'Attard, reġa' kien hemm l-istess vettura u mill-filmat jidher persuna li ġiet identifikata bħala Patrick Mangion iżda dan minn dak li qalu l-istess Pulizija. Illi anki hawn bla dubju ta' xejn mill-istess filmat jidher il-persuna ta' Patrick Mangion riesaq lejn il-cash register u minn hemm ittiehdu l-flus li sabu nieqsa l-istess sidien tal-pompa. Illi għandu jingħad, li l-istess Patrick Mangion ma kellu ebda raġuni jersaq lejn l-istess cash register u l-filmat juri b'mod car li huwa ha l-istess flus minn ġewwa dan il-cash register. Għaldaqstant fid-dawl tal-provi skjaċċanti li ġew preżentati l-Qorti ma għandha l-ebda diffikultà tiddetermina li din is-serqa wkoll sehhet mill-istess imputat Patrick Mangion u ghalhekk ġie pruvat lill' hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Illi l-ammont li gie misruq f'dan il-kaz kien ta' tlett mitt ewro u ghalhekk -aggravju tal-valur gie pruvat.

**It-Tielet Serqa minn ġewwa vettura u minn residenza fil-Qrendi**

Illi rigward serqa oħra li sehhet minn ġewwa vettura ġie implikat ukoll l-istess Patrick Mangion fejn minn ġewwa fiha insterqu sett ċwievet ta' residenza fejn wara xi hadd dahal u kkommetta serqa minn residenza li tappartjeni lill-istess sid tal-vettura. Illi mill-investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija, traccaw postijiet fejn kien hemm CCTV footages. Irrizulta li l-imputat skont ma' qalu l-istess pulizija li mill-filmati kienet il-persuna ta' Patrick Mangion li dehret fihom u ghalhekk hemm konnessjoni bejn is-serqiet li sehhew. Illi fil-fatt il-Pulizija elevaw hwejjeg minn ġewwa residenza li toqghod fiha l-istess Carmen Spiteri li suppost anki kien jabita' fiha l-imputat Patrick Mangion. Mill-provi mressqa l-imputat tpogga li kien fil-vicinanzi izda ma kienx hemm prova diretta li xi hadd kien gharfu bhala l-persuni li kien involut f'dawn is-serqiet ghajr ghal filmat li gie elevat. Illi ghalhekk il-Qorti trid tifli c-cirkostanzi tal-kaz minn provi ohra sabiex tasal ghal xi konkluzjoni dwar sejbien ta' htija jew le. Illi

ghalkemm bla dubju ta' xejn l-imputat Patrick Mangion huwa l-persuna li tidher fl-istess filmat, Il-Qorti ma tistax tasal ghal konklużjoni li kien l-imputat li dahal fil-vettura u minn hemm seraq ic-cwievet. Illi ghalkemm il-persuna libsa hwejjeg vero simili ghal dawk elevati, il-Qorti ma tistax tkun certa li l-prosekuzzjoni irnexxiela li ġew pruvati lill' hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni f'dan il-kaz. Illi lanqas jista' jinghad li kien hemm prova ohra li tindika li kien l-istess imputat li wettaq is-serqa minn gewwa r-residenza fil-Qrendi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija f'din i-serqa wkoll u ghalhekk tilliberah minn dawn l-akkuzi u cioe' tas-serqa minn gewwa l-vettura kif ukoll mir-residenza gewwa l-Qrendi.

**L-akkuza tar-Recidiva – l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputati ġew akkużati wkoll li f'każ ta' htija jitqiesu li huma reċidivi taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi għandu jingħad li l-prosekuzzjoni esebiet sentenza fil-konfront ta' Carmen Spiteri a fol. 389 fejn kienet giet akkużata b'falsifikazzjoni ta' dokument u reati ohrajn iżda mhux ta' serq. Illi f'dan il-kaz hija kienet wehlet sena priġunerija sospiza ghal sentejn. Illi filwaqt fil-konfrtont ta' Patrick Mangion giet esebieta sentenza kien gie akkużat b'serq iżda wara li kien gie misjub hati u gie ikkundannat sentejn priġunerija sospiżi ghal tlett snin. Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi bla dubju ta' xejn fiż-żewġ sentenzi esebieti jidher b'mod ċar li dawn qeghdin jirreferu għal istess imputati u dan hemm n-numru tal-karta tal-identità li taqbel ma'

dik li hemm fl-akkużi kontra taghhom. kif ukoll għal dik tat-tieni sentenza esebieta. Illi l-istess prosekuzzjoni tellgħu bħala xhud rappreżentati tal-amministrazzjoni tal-Qorti fejn ġie konfermat li ma kienx hemm appelli pendenti. Illi f'dan il-każ l-unika żewġ sentenzi esebieti ma jistgħux jinbidlu stante li ma kienx hemm appell. Illi fiż-żewġ sentenzi esebieti l-imputati weħlu sentenzi ta' priġunerija u kienu relatati fil-konfront ta' Patrick Mangion biss ma' każijiet bħal dan odjern u cioè fuq serq.

Illi kif inghad is-sentenzi esebieti fejn kien wehel priġunerija ma jistghux jinbidlu. Illi ghalhekk din is-sentenza saret wahda definittiva u ma tistax tithassar. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-principju tar-recidiva japplika u ghalhekk din il-Qorti qieghda ssibu hati that l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu l-Avukat Generali fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u ghoxrin (2020) hareg l-artikoli fil-konfront tal-imputat fejn huwa ghamel referenza ghal artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandhux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi.

L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'kazijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) jekk tigi misjuba hatja, l-piena tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-sentenza esebita kienet tikkoncerna wahda ta' serq fil-konfront ta' Patrick Mangion biss.

Illi f'dan il-każ għal dak li japplika l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew sodisfatti ir-rekwiżiti għal sejbien ta' ħtija. Illi fil-fatt din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Kif anke gie kkunsidrat fis-sentenza '**Il-Pulizija Spettur Jeffrey Cilia Vs Maurizio Zahra u Johan Pace**' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2011 (Numru 521/2011):

*'Fil-fatt ir-recidiva hija akkuza u reat per se, separata w distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra, taht l-* ***artikoli 49 u 50*** *tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva. Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, w taghmel reat iehor.*

*Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-****artikoli 49 u 50 tal- Kap 9****, li f'dan il-kaz iz-zmien huwa applikabbli.*

*Izda mbaghad hemm l-****artikolu 289 tal-Kap 9*** *ukoll moghti fil-konfront ta'* ***Johan Pace****, li jistabilixxi konsegwenzi w effetti legali ta' meta wiehed li jkun gia gie kkundannat ghal reat, jerga' jigi kkundannat ghal reat iehor, u dan minghajr ebda limitazzjonijiet ta' zmien.*

*L-artikolu 289 tal-Kap 9 jitkellem mill-banda l-ohra, f'parti specjali jew espressa tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu m'hemm ebda limitazzjoni ta' zmien. Din hi disposizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu.'*

Illi skont kif inhu deċiż, l-imputat Patrick Mangion ġie meqjus li huwa reċidiv għal fini tal-artikoli 49 u 50. Għalkemm is-sentenza esibita kienet tittratta fuq serq f'dan il-każ l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jiġi applikat u cioè tagħti lok għal żieda fil-piena. L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' reċidiva..." u peress li r-reċidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna konċernata "tkun ġiet ikkundannata għal reat..." Għalhekk ladarba li l-imputat Patrick Mangion instab hati tar-recidiva skont l-artikolu 49, allura skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk is-sentenza tagħti lok għal żieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Illi l-istess ma jistax jingħad fil-konfront tal-imputata Carmen Spiteri u dan għaliex s-sentenza esebieta kienet titratta dwar falsifikazzjoni u l-użu ta' dokumenti u mhux ta' serq. Illi għalkemm giet misjuba ħatja taht l-artikolu 49 u 50, ma jistax jingħad li tista' tinstab ħatja taht l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Sentenza Sospiza**

Illi l-imputat Patrick Mangion gie akkużat li kiser sentenza sospiża meta huwa kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv taghha. Illi fil-fatt skont dok PM1, l-imputat kien gie misjub hatu fil-5 ta' Mejju 2015 u inghata sentenza ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kap 9 gew sospiżi ghal perijodu ta' tlett snin. Illi ghalhekk il-perijodu operattiv taghha kien jiskadi fis-sena 2018. Illi dawn ir-reati li huwa gie misjub hati taghhom sehhew fis-sena 2017 u ghalhekk fil-perijodu operattiv taghha. Illi ghalhekk huwa qieghed jiġi misjub hati talli kiser ikkommetta reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(ġ), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(ġ), 271(ġ), 278(1)(2)(3), 49, 50, 289, 325(1)(ċ), 279(a), 28B, 28Ċ, 28F, 17, 31, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed ssib lill-imputati Carmen Spiteri u Patrick Mangion ħatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni kif dedotti kontra tagħhom u ħatja t-tieni (2) imputazzjoni kwantu dak li jirrigwarda l-aggravant tar-reċidiva, u ssib lill-imputat Patrick Mangion waħdu ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u ma ssibux ħati tat-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni u minnhom tilliberah, u tikkundanna lil:**

- **Carmen Spiteri għal sitta u tletin (36) xahar priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħatja Carmen Spiteri għamlet bħala arrest preventiv u lil;**
- **Patrick Mangion għal perjodu ta' tmienja u erbgħin (48) xahar priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati Patrick Mangion għamel bħala arrest preventiv.**

**Inoltre l-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna li s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tal-ħati Patrick Mangion, minn din il-Qorti diversament preseduta u datata 5 ta' Mejju 2015 deċiża mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri, tiġi reża bħala effettiva, b'dan illi s-sentejn priġunerija sospiżi għal tlett snin għandhom isiru effettivi; u**

**A tenur ta' u wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lil ħatja Patrick Mangion u Carmen Spiteri flimkien iħallsu lir-Reġistratur l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti maħtura f'dan il-każ fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u sittin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€668.81).**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Registratur**